MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2011

Rikors Numru. 238/2011

**A B**

vs

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrenti ippremetta:

1) Illi l-partijiet izzewgu nhar is-26 ta' April, 1987 u sussegwentement isseparaw b'kuntratt ta' separazzjoni tal-15 ta' Frar, 2005 fl-atti tan-Nutar Sandro Valentino (Dok A);
2) Illi l-partijiet ilhom jghixu mhux flimkien ghal mill-inqas sitt snin;
3) Illi l-partijiet ddekadew ghal kull dritt ta' manteniment fil-konfront ta' xulxin u l-esponenti dejjem hallas fil-pront il-manteniment dovut ghaz-zewg uliedu X u

Y, liema ulied twieldu fit-22 ta’ Novembru 1988 u fit-30 ta’ Settembru 1990 u kwindi huma maggorenni;

Talab li din il-Qorti tippronunzja l-hall taz-zwieg ossija divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-Artiklu 66D(2) tal-Kodici Civili nostan;

Rat id-digriet taghha precedenti;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat id-dokumenti esebiti li gew esebiti;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kundizzjonijiet mehtiega ghad-divorzju gew sodisfatti; peress illi il-partijiet isseparaw b’kuntratt ta’ separazzjoni fil-15 ta’ Frar, 2005;

Rat ukoll illi l-partijiet iddekadew ghal kull dritt ta’ manteniment fil-konfront ta’ xulxin u rat illi ir-rikorrent dejjem hallas fil-pront il-manteniment dovut ghaz-zewg uliedu X u Y u rat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni, skond kif xehdu l-istess partijiet;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa t-talba, tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------